# PARLAMENT NAZZJONALI
# TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2025

## RAPPORT U REŻOLUZZJONIJIET FINALI

# Introduzzjoni

Fl-4 ta' Settembru, il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ reġa' organizza l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Dan l-avveniment prestiġjuż, li jsir ta' kull sena, jagħti opportunità unika lill-parteċipanti żgħażagħ jipparteċipaw f'workshops li jgħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, jaħdmu fuq proposti fuq temi politiċi kurrenti, u jippreżentaw u jiddibattu dawn il-proposti fil-Parlament ta' Malta. Dan l-avveniment ma jservix biss bħala pjattaforma għaż-żgħażagħ biex jaqsmu ħsibijithom, imma bħala pass konkrett fl-iżvilupp kontinwu tal-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażagħ f'pajjiżna.

Din l-edizzjoni kienet waħda speċjali, partikolarment għax kienet rikonoxxuta bħala avveniment uffiċjali tal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan il-fatt ġie integrat fl-għażla tat-temi u fid-disinn tal-workshops li ħadu sehem fihom il-parteċipanti matul is-sajf. Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lin-nies li qed jaħdmu fuq il-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Ewropa tas-sapport tagħhom, u talli qiegħdu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ bħala waħda mill-prijoritajiet ta' din il-Presidenza.

It-temi li ħadmu fuqhom il-parteċipanti din is-sena huma Il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ fl-Istituzzjonijiet Politiċi, u r-Regolazzjoni tal-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Edukazzjoni. Dawn huma żewġ temi kurrentissimi li bħala Kunsill nemmnu li jolqtu liż-żgħażagħ b'mod dirett ħafna. Dan id-dokument jinkludi l-proposti kollha li ġew approvati mill-parteċipanti dakinhar tas-sessjoni prinċipali. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-awtoritajiet u lill-Membri Parlamentari jieħdu x-xogħol ta' dawn iż-żgħażagħ in kunsiderazzjoni fid-diskussjonijiet tagħhom fuq dawn it-temi tant kurrenti u importanti.

Nixtieq nirringrazzja lill-parteċipanti għax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom matul l-esperjenza tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ, u lill-membri tal-Kunsill tas-sapport kontinwu tagħhom, li mingħajru dan l-avveniment ma setgħax isir.

***Francesca Giudice***

*Uffiċjal Nazzjonali tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ*






maltacoe.gov.mt
Presidency of Malta

# Parteċipanti tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2025

## Taħt it-tema tal-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ fl-Istituzzjonijiet Politiċi

### Partit Għall-Progress taż-Żgħażagħ

*Jean Romario Borg Calleja*
*Maverick Gauci*
*Sephora Vella*

### Partit Żgħażagħ għal Bidla

*Krista Attard*
*Krista Borg Sillato*

## Taħt it-tema tar-Regolazzjoni tal-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Edukazzjoni

### Partit KSM

*Yansen Cassar*
*Matthew Sant*
*Juliana Zammit*
*Loana Fenech*
*Shaun Mamo*
*Nicolo Tanti*

### Partit Moderat

*Christopher John Mercieca*
*Lucienne Gafa*
*Giulio Spiteri*
*Samantha Grech*

### Membri Parlamentari Indipendenti

*Matthias Saliba*
*Jeremy Azzopardi*
*Nathan Arpa*

## REŻOLUZZJONIJIET FINALI
## FUQ IT-TEMA

# IL-PARTEĊIPAZZJONI
# TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
# FL-ISTITUZZJONIJIET POLITIĊI

# Proposti Partit Għall-Progress taż-Żgħażagħ

*Kif emendati minn Partit Żgħażagħ għal Bidla*

---

Billi l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fil-proċessi demokratiċi hija element essenzjali għall-bini ta' soċjetà ġusta, inklużiva u sostenibbli,

L-istatistika turi li 70% taż-żgħażagħ li ressqu isimhom għall-elezzjoni ġew eletti, u dan jikkonferma l-kapaċità tagħhom li jikkompetu fuq il-bażi tal-meritokrazija,

Billi għad hemm sfidi serji li jrażżnu lill-ġenerazzjoni żagħżugħa milli tipparteċipa b'mod sħiħ, fosthom diskriminazzjoni relatata mal-età, ostakli finanzjarji, u nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi u ta' taħriġ,

Billi l-edukazzjoni, il-partiti politiċi, u s-soċjetà ċivili għandhom rwol kruċjali fit-trawwim ta' kultura demokratika u parteċipattiva fost iż-żgħażagħ,

Jiddeċiedi li jħeġġeġ lill-awtoritajiet, lill-istituzzjonijiet politiċi u lill-partijiet interessati biex jadottaw u jimplimentaw il-miżuri li ġejjin:

**Pilastru 1: L-Irwol tal-Edukazzjoni**

1. Li jiġi introdott is-suġġett Studji Politiċi fis-sekondarja bħala parti mill-kurrikulu nazzjonali, u li jidħol fis-suggett tas-Systems of Knowledge (SOK) fil-livell post-sekondarju.
2. Li l-edukazzjoni ċivika u politika tiġi integrata fil-livelli kollha tal-edukazzjoni b'approċċ prattiku, inkluż simulazzjonijiet parlamentari u dibattiti.
3. Li jiġu stabbiliti programmi ta' kollaborazzjoni bejn l-iskejjel u l-istituzzjonijiet politiċi, inkluż opportunitajiet ta' esperjenza diretta bħal shadowing ta' rappreżentanti eletti.
4. Li jiġu żviluppati programmi ta' edukazzjoni dwar l-analiżi kritika tal-midja u l-informazzjoni politika, sabiex iż-żgħażagħ jitgħallmu jidentifikaw aħbarijiet foloz, propaganda u diskors ta' mibegħda, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati bħala ċittadini attivi.
5. Li jitwaqqfu kunsilli konsultattivi taż-żgħażagħ fi ħdan kull Ministeru jew awtorità nazzjonali, sabiex iż-żgħażagħ ikollhom mezz istituzzjonali fejn jesprimu l-fehmiet tagħhom u jinfluwenzaw direttament il-proċess ta' politika pubblika.

**Pilastru 2: L-Irwol tal-Partiti Politiċi**

1. Li ssir riforma tal-Youth Advisory Forum (YAF).
2. Li l-partiti politiċi jimplimentaw programmi ta' taħriġ, mentoring, u żvilupp ta' ħiliet għall-membri żgħażagħ tagħhom.
3. Li jiġu adottati statuti interni li jipprevjenu diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età u jippromwovu l-involviment attiv taż-żgħażagħ fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

4. Li jkun hemm ħarsien legali kontra repressjoni fuq il-post tax-xogħol għal min jikkuntesta elezzjoni ma' partit politiku.
5. Li jiġi żgurat aċċess ugwali għal riżorsi u finanzjament għall-kandidati żgħażagħ minn kull sfond.
6. Li kull partit politiku jkun obbligat jinkludi perċentwal minimu ta' kandidati żgħażagħ fil-listi elettorali tiegħu, u li dan il-perċentwal ma jistax ikun inqas minn 25% tal-kandidati kollha, sabiex tiġi żgurata rappreżentanza ġenerazzjonali effettiva fil-proċess demokratiku.
7. Li l-partiti politiċi jintroduċu mekkaniżmi ta' feedback trasparenti online, fejn iż-żgħażagħ jistgħu jressqu l-ideat u l-preokkupazzjonijiet tagħhom, u dawn jiġu kkunsidrati b'mod serju fil-formulazzjoni tal-politika.

**Pilastru 3: L-Irwol tal-NGOs u s-Soċjetà Ċivili**

1. Li ssir konsultazzjoni obbligatorja mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u ma' organizzazzjonijiet żgħażagħ qabel ma jiġu ppreżentati liġijiet li jolqtu direttament liż-żgħażagħ.
2. Li jingħata appoġġ u finanzjament lil-gruppi żgħażagħ sabiex ikunu jistgħu jwettqu kampanji ta' tagħrif u attiviżmu politiku.
3. Li jinħoloq programm ta' komunikazzjoni pubblika biex jiġi ċċarat li l-parteċipazzjoni politika tinkludi diversi forom ta' impenn  bħal volontarjat, attivizmu u lobbying, u mhux biss kandidatura għal siġġu elettiv.
4. Li jingħata appoġġ u finanzjament lill-NGOs b'risq inizjattivi favur parteċipazzjoni akbar taż-żgħażagħ internament fl-NGO innifisa f'qasam politiku jew fil-proċess politiku Lokali, Nazzjonali jew Ewropew.
5. Li jiġi stabbilit fond nazzjonali ddedikat għal inizjattivi politiċi u soċjali mmexxija minn żgħażagħ, b'garanzija li mill-inqas 40% tar-riżorsi jiġu allokati għal proġetti f'komunitajiet rurali jew żoni żvantaġġati, sabiex tiġi promossa parteċipazzjoni aktar inklużiva u bilanċjata.
6. Li l-midja pubblika u privata tkun obbligata tipprovdi spazji regolari u dedikati għall-vuċi taż-żgħażagħ, inkluż programmi, dibattiti u artikli ta' opinjoni li jinkoraġġixxu d-diskussjoni politika fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Jikkonkludi li dawn il-miżuri għandhom jiġu implimentati b'kollaborazzjoni bejn il-Gvern, il-partiti politiċi, l-istituzzjonijiet edukattivi u s-soċjetà ċivili, biex ikun assigurat li l-vuċi taż-żgħażagħ tkun rappreżentata b'mod effettiv u inklużiv fil-proċess demokratiku tal-pajjiż, għaldaqstant mhux biss inkunu qed nagħmlu investiment sod iżda nifjorixxu fil-preżent kif ukoll fil-futur billi nibnu soċjeta' attiva u mirquma.

# Proposti Partit Żgħażagħ għal Bidla

*Kif emendati minn Partit Għall-Progress taż-Żgħażagħ*

1. Edukazzjoni Ċivika

1.1. Ser issir amenda fl-Att tal-2019 dwar l-Edukazzjoni biex tinkludi klawżola li tagħmel l-Edukazzjoni Ċivika suġġett obligatorju fl-iskejjel sekondarji kollha.

1.2. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Edukazzjoni Ċivika bħala suġġett obligatorju u għandu dawn id-dmirijiet:

1.2.1. biex joħloq sillabu għal dan is-suġġett flimkien ma' *stakeholders* bħal għalliema, ġenituri, għaqdiet studenteski u edukattivi, u żgħażagħ bejn it-13 u l-20 sena, fost oħrajn.

1.2.2. biex joffri programm ta' taħriġ strutturat u akkreditat għal għalliema prospettivi u dawk eżistenti, bil-finanzjament parzjali tal-UE u b'kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet akkademiċi.

1.2.3. biex jagħmel kampanja ta' għarfien biex jinforma l-pubbliku fuq il-funżjonijiet u l-benefiċiji tas-suġġett.

1.2.4. biex jimplimenta dan is-suġġett f'skola sekondarja waħda tal-gvern u skola sekondarja waħda privata għal studenti tal-Form 1 f'kull reġjun sal-bidu tas-sena skolastika 2027/2028.

1.2.5. biex b'kollaborazzjoni mal-NSO, jagħmel riċerka dwar l-impatt tas-suġġett fuq l-istudenti.

1.2.6. biex bir-riżultati tar-riċerka mal-NSO u konsoltazzjoni pubblika, itejjeb is-sillabu tas-suġġett.

1.2.7. biex jimplementa dan is-suġġett f'kull skola sekondarja sal-bidu tas-sena skolastika 2028/2029.

## 2. Fond ta' Appoġġ Elettorali għaż-Żgħażagħ fil-Kunsilli Lokali

2.1. Ser issir emenda fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali sabiex jitwaqqaf Fond ta' Appoġġ Elettorali għaż-Żgħażagħ, bil-għan li jiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja politika lokali.

2.2. Il-Ministeru għall-Affarijiet Lokali u l-Kunsilli huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Fond u għandu dawn id-dmirijiet:

2.2.1. biex jistabbilixxi kriterji ta' eliġibbiltà, fosthom l-età ta' bejn 18 u 30 sena u r-residenza fil-lokalità fejn jixtiequ jikkontestaw;

2.2.2. biex jipprovdi taħriġ bażiku dwar kif imexxu kampanja b'mod etiku, trasparenti u responsabbli;

2.2.3. biex iqassam fondi skont linji gwida ċari u trasparenti, li jistgħu jkopru materjal promozzjonali, laqgħat pubbliċi, kampanji diġitali u servizzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli bħall-lingwa tas-sinjali u traduzzjonijiet;

2.2.4. biex jeżiġi rapport finali mingħand kull kandidat li jirċievi fondi, li jindika kif inħarġu r-riżorsi;

2.2.5. biex jagħmel evalwazzjoni kull sentejn fuq l-impatt ta' dan il-Fond fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-politika lokali.

## 3. Pjattaforma Nazzjonali ta' Konsultazzjoni Diġitali għaż-Żgħażagħ

3.1. Ser tiġi introdotta klawżola ġdida fil-liġi dwar il-Konsultazzjonijiet Pubbliċi li tobbliga lill-Gvern iwaqqaf Pjattaforma Nazzjonali ta' Konsultazzjoni Diġitali għaż-Żgħażagħ, sabiex iż-żgħażagħ ikollhom mezz effettiv u trasparenti biex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar liġijiet u proceduri ġodda.

3.2. Il-Ministeru għall-Ekonomija Diġitali u Żgħażagħ għandu dawn id-dmirijiet:

3.2.1. biex joħloq websajt u applikazzjoni digitali ddedikati għall-konsultazzjoni pubblika maż-żgħażagħ;

3.2.2. biex jiżgura sistema ta' evalwazzjoni strutturata li tippermetti testi qosra, preżentazzjonijiet jew vidjows;

3.2.3. biex joffri mekkaniżmu ta' votazzjoni u kummenti sabiex l-aktar ideat popolari jiġu identifikati u rrappurtati;

3.2.4. biex jippubblika kull abbozz ta' liġi jew politika ġdida fuq il-pjattaforma għal perjodu minimu ta' 45 jum qabel ma jitressaq fil-Parlament, sabiex ikun hemm iktar żmien ta' konsultazzjoni reali;

3.2.5. biex jintegra l-pjattaforma mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u mal-websajts tal-ministeri sabiex ikun hemm koordinazzjoni u trasparenza massima;

3.2.6. biex kull sitt xhur jippubblika rapport dwar kemm ġew ikkunsidrati l-proposti miż-żgħażagħ fil-proċess leġiżlattiv.

## 4. Programm ta' Traineeship mal-Ministeru għaż-Żgħażagħ

4.1. Il-Programm ta' Traineeship għandu jdum 6 xhur, b'għażla ta' part-time jew full-time, skont il-kapaċità tal-parteċipanti. Dan il-perjodu huwa maħsub sabiex:

4.1.1. Joffri esperjenza biżżejjed għall-apprendiment prattiku u teoriku.

4.1.2. Jippermetti lill-parteċipanti jagħtu kontribut sinifikanti fil-ħidma tal-ministeru.

4.1.3. Jagħmel il-programm attraenti għaż-żgħażagħ billi jżomm bilanċ bejn esperjenza utli u tul ta' żmien realistiku.

4.2. Il-parteċipanti jiġu assenjati għal waħda minn dawn il-funzjonijiet, skont il-ħtiġijiet tal-ministeru u l-profil tagħhom:

4.3. Assistent ta' Appoġġ fil-Politika biex jassisti fit-tfassil u r-riċerka dwar temi relatati mal-politika pubblika tal-ministeru, jipprepara noti ta' qbil (briefing notes), sommarji għal-laqgħat, u jirrevedi dokumentazzjoni ta' politika u joffri kontribuzzjoni fit-tfassil ta' dokumenti strateġiċi u rapporti ta' politika.

4.4. Assistent fil-Komunikazzjoni biex jassisti fit-tħejjija u l-immaniġġjar tal-kontenut għall-midja soċjali u l-websajt uffiċjali tal-ministeru, jgħin fil-preparazzjoni ta'

stqarrijiet għall-istampa, newsletters interni, u komunikazzjonijiet uffiċjali oħra u joffri appoġġ fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti pubbliċi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

4.5. Appoġġ Amministrattiv biex jassisti fil-immaniġġjar tal-iskedi, il-loġistika tal-laqgħat, u s-sistema ta' filing elettronika u fiżika, jgħin fil-korrispondenza uffiċjali u fl-immaniġġjar ta' dokumenti amministrattivi u joffri appoġġ fil-kompiti operattivi ta' kuljum tal-uffiċċju sabiex tinżamm effiċjenza.

4.6. Għanijiet Ewlenin tal-Programm:

4.6.1. Jipprovdi lill-parteċipanti esperjenza prattika diretta fil-funzjonament ta' ministeru.

4.6.2. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp professjonali taż-żgħażagħ permezz ta' taħriġ fuq il-post u ħiliet trasversali.

4.6.3. Jsaħħaħ ir-rabta bejn iż-żgħażagħ u l-proċessi ta' politika pubblika.

Joħloq opportunità għal aktar involviment taż-żgħażagħ fil-ħajja pubblika u istituzzjonali.

## REŻOLUZZJONIJIET FINALI
## FUQ IT-TEMA

# IR-REGOLAZZJONI TAL-UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FL-EDUKAZZJONI

# Proposti Partit KSM

*Kif emendati minn Partit Moderat, Matthias Saliba u Jeremy Azzopardi.*

---

**1. Qafas Regolatorju u Allinjament mal-Att Ewropew dwar l-AI**

1.1. Jiġi implementat qafas legali u operattiv li jiġi rivedut kull sentejn sabiex jibqa' konformi mar-regolamenti tal-UE u mal-istandards li qed jevolvu tal-AI.

1.2. Jiġi stabbilit bord ta' monitoraġġ indipendenti li jirrapporta kull sitt xhur dwar il-konformità tal-AI mal-prinċipji etiċi u legali.

**2. Protezzjoni tad-Dejta u Sigurtà tal-Informazzjoni**

2.1. Is-sistema tal-AI għandha tipprovdi lill-klijent għażliet ċari rigward il-proċess tad-data personali tiegħu, inkluż id-dritt li japprova jew jipprojbixxi li d-data tiegħu tiġi użata, kif ukoll il-possibbiltà ta' anonimizzazzjoni awtomatika, fejn qabel ma tiġi pproċessata, jitneħħew d-dettalji li jistgħu jagħmlu l-persuna identifikabbli. Dawn il-mezzi għandhom jiġu offruti skont il-prinċipji tal-GDPR u l-Politika tal-Protezzjoni tad-data tal-MCAST, sabiex jiġi żgurat li l-proċess tad-data jkun legali, trasparenti u jħares id-drittijiet u l-privatezza tal-persuna kkonċernata.

2.2. Kull proġett ta' riċerka jew testjar fuq sistemi ta' AI fl-iskejjel, istituzzjonijiet edukattivi jew universitajiet għandu jkun konformi mal-klassifikazzjoni bħala "riskju għoli" skont l-Att Ewropew dwar l-AO, b'valutazzjoni tar-riskju meta jkun hemm bżonn.

2.3. Jiġu pprojbiti l-użu ta' AI għal skopijiet qarrieqa, inkluż deepfakes u kontenut falz.

**3. Integrità Akkademika u Użu Responsabbli**

3.1. Jiġi introdott format ta' dikjarazzjoni standard li għandu jintuża b'mod obligatorju minn kull student u membru tal-persunal akkademiku meta jintuża l-AI.

3.2. Waqt li nsqisu li l-użu tal-AI huwa opportunità għall-istudenti biex isaħħu l-ideat, ispirazzjoni u riċerka, u biex isiru żidiet fl-effiċjenza fil-ħiliet ta' kuljum u l-għarfien personali, dan l-użu m'għandux totalment jissostitwixxi l-ħiliet u l-għarfien personali. Biex niżguraw dan, fl-iskejjel għandhom jiġu introdotti għodod tal-ħsieb kritiku u laterali fosthom metodi bħas-'Six Thinking Hats' tal-Professur Edward de Bono.

3.3. Jiġi żgurat li kull użu tal-AI ma jikkompromettix il-kriterji u r-riżultati tat-tagħlim tal-unità.

**4. Żvilupp tal-Litteriżmu tal-AI (AI Literacy)**

4.1. Jiġi żgurat li l-litteriżmu tal-AI jiġi integrat fil-livelli primarji, sekondarji u terzjarji bħala parti mill-kurrikulu obbligatorju bħala mezzi biex is-sistemi ta' tagħlim jiġu aktar innovattivi u individwalizzati għal kull student, kif ukoll f'attivitajiet ta' taħriġ kontinwu għall-persunal akkademiku u amministrattiv.

4.2. Jinħoloq AI Toolkit nazzjonali għall-edukaturi u l-istudenti, li jinkludi gwidi prattiċi, protokolli etiċi u eżempji ta' prattika tajba.

4.3. Jiġi promoss diskors pubbliku u professjonali dwar l-implikazzjonijiet pedagoġiċi, etiċi u legali tal-AI, dan għandu jsir permezz tal-laqgħat bejn l-għalliema fejn għandu jkun hemm taħditiet dwar is-suġġett u kif ukoll ftehim dwar jekk l-istudenti jistgħux jużaw l-AI fil-proġetti speċifiċi jew le. It-tagħlim għandu jkun mogħti ukoll lill-istudenti billi jsiru minn tal-inqas tliet sezzjonijiet fis-sena dwar din it-teknoloġija ġdida.

**5. Trasparenza u Kontabilità**

5.1. Jiġi stabbilit obbligu ta' rapport annwali mill-istituzzjonijiet edukattivi dwar il-mod kif intużat l-AI, il-benefiċċji miksuba u r-riskji identifikati.

5.2. Kull membru tal-komunità edukattiva jibqa' personalment responsabbli għall-kontenut ġġenerat bl-użu tal-AI, u għal kull impatt tiegħu fuq il-komunità u s-soċjetà.

**6. Benefiċċji Soċjali u Ekoloġiċi**

6.1. Jiġi promoss l-użu ta' sistemi ta' AI li jkunu enerġetikament effiċjenti, iżda ukoll li jinħolqu proġetti b'fondi sostanzjali fejn l-AI tista' ssaħħaħ il-miri lejn il-EU Green Deal; dawn il-proġetti jistgħu jinkludu monitoraġġ tat-traffiku, ottimizzazzjoni tar-rotot tat-trasport pubbliku, monitoraġġ tal-bijodiversità, żidiet fl-effiċjenza tar-riżorsi għal agrikoltura aktar sostenibbli, żidiet fl-effiċjenza fil-ġbir tal-iskart, u riċerka xjentifika aktar preċiża dwar il-mudellar tal-klima

6.2. Jiġi żgurat li l-użu tal-AI fl-edukazzjoni jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-ostakli għall-aċċess għat-tagħlim u jsaħħaħ l-inklużjoni.

# Proposti Partit Moderat

*Kif emendati minn Matthias Saliba, Jeremy Azzopardi u Nathan Arpa.*

1. Sakemm jasal Ġunju 2027, kull student b'diffikultajiet fit-tagħlim (bħal ADHD, dyslexia, u awtiżmu) f'20 skola pilota għandu jingħata Profil ta' Tagħlim Adattiv – assistent diġitali żviluppat mill-MCAST u l-Università ta' Malta. Dan l-assistent AI se jkun kapaċi:
    - Jżomm dashboard personalizzat għal kull student.
    - Jadatta l-pjanijiet tat-tagħlim skont il-bżonnijiet individwali.
    - Jaġġusta l-pass tat-tagħlim skont il-progress tal-istudent.
    - Jirrakkomanda strateġiji ta' reviżjoni magħmula apposta għal kull student.
    - Jipprovdi aġġornamenti f'ħin reali lill-għalliema u lill-ġenituri.

   L-għan huwa li l-esperjenza tat-tagħlim tkun personalizzata u adattata għall-bżonnijiet uniċi ta' kull student, filwaqt li tingħata ħin suffiċjenti għall-iżvilupp, it-testjar u t-taħriġ tal-għalliema.

2. Nipproponu li sa Diċembru 2026, għandu jiġi introdott kors estensiv b'xejn taħt il-kappa tal-Lifelong Learning b'ċertifikat rikonoxxut fuq livell nazzjonali dwar l-użu tal-AI fuq il-post tax-xogħol.

3. Nipproponu li sa Ġunju 2026 tiġi introdotta kampanja nazzjonali ta' ġimgħa - AI Awareness Week – bl-iskop li noħolqu għarfien fl-edukaturi, l-istudenti u l-ġenituri dwar l-użu responsabbli tal-IA u l-mod ta' kif tista' tkun għodda eċċellenti fil-vjaġġ edukattiv ta' kwalunkwe student. Dan għandu jkun parti minn pjan nazzjonali tal-AI fejn tidħol l-edukazzjoni, għaliex apparti l-AI Awareness Week, għandu jkun hemm inizzjattivi oħra għall-istudenti u l-għalliema fosthom tliet sezzjonijiet apparti fis-sena li jgħallmu l-istudent skont il-livell tagħhom dwar l-użu tal-AI, kif ukoll l-fuljetti dwar l-AI li joħorġu mid-dipartiment tal-ICT (Kap Edukattiv u għalliema) li jispjegaw kif l-AI faċli tagħmel l-iżbalji.

    a. F'din il-ġimgħa għandhom isiru żewġ sessjonijiet ta'taħriġ ċċentrati fuq l-użu tajjeb tal-IA fil-klassi li jista' jibbenifika minnhom kemm l-edukatur u kemm l-istudent kif ukoll taħriġ fuq il-perikli li jista' jġib miegħu. Għandu jkun hemm taħriġ ukoll fuq ir-regoli li l- *EU AI Act* tpoġġi fuq is-sistema edukattiva. Dan it-taħriġ għandu jingħata mill-*IFE* b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-IA fl-Universita' ta' Malta.

    b. Għandhom isiru wkoll AI Literacy Workshops għall-istudenti li għandhom 'il fuq minn għaxar snin f'kull institut edukattiv waqt il-lezzjonijiet tas-C3. Dawn

il-workshops għandhom ikopru l-użu etiku tal-IA fix-xogħol tal-iskola, il-modijiet ta' kif wieħed jista' jużaha bħala għodda utli u l-perikli li tista' toffri.
   c. Għandhom isiru filmati edukattivi kif ukoll fuljett ta' gwida li kapaċi jgħarraf il-ġenituri fuq il-mod li qed jintuża l-IA mit-tfal u l-edukaturi tagħhom.

4. Nipproponu li sas-sena akkademika 2026-2027, jinghata subscription ta' sistema tal-AI reliable b'xejn lill-istudenti u l-għalliema kollha tas-sekondarja u sixth form. Dan isir sabiex inaqqas l-iżbilanċ soċjo-ekonomiku bejn min jaffordja jhallas subscribed u dawk li ma jaffordjawx jhallsu u allura kull student jkollu l-opportunità li jkollu l-għajnuna mill-AI, kif ukoll l-għalliema jkunu jistgħu jużaw l-AI b'mod effettiv għat-tagħlim tagħhom u sabiex jagħtu gwida adattata lill-istudenti dwar l-użu etiku tal-AI skont il-kuntest tal-klassi.

5. Sa Diċembru 2026, għandu jiġi mwaqqaf programm nazzjonali li juża soluzzjoni AI eżistenti għad-detekzjoni ta' deepfakes (ritratti, vidjows, diskorsi, eċċ.) sabiex jiġu identifikati u distinti minn kontenut ġenwin. Din is-sistema se tintegra mal-pjattaformi nazzjonali tal-midja u tal-aħbarijiet li jkun hemm aċċess għalihom, u kull kontenut suspettuż se jiġi verifikat mill-esperti fl-AI u fid-"Deepfake" qabel ma jittieħed kwalunkwe pass.

6. Mill-iktar fis, għandhom jiġu msaħħa u infurzati liġijiet speċifiċi li jikkriminalizzaw il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' materjal "Deepfake" li jinvolvi tfal jew minorenni, b'pieni li jistgħu jaslu sa seba' snin ħabs li għandhom jiġu sservuti mingħajr sospensjoni, kif ukoll sanzjonijiet oħra relevanti bħal multa. Il-liġi għandha tinkludi mekkaniżmi ċari għall-identifikazzjoni u prevenzjoni ta' tali materjal, sabiex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni effettiva tal-minorenni u l-infurzar tal-liġi.
   a. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu kkumplementati b'unitajiet speċjali bħal Pulizija tat-Teknoloġija.
   b. Għandu jitwaqqaf ukoll mekkaniżmu legali ta' rimedju għall-vittmi biex jirċievu appoġġ u kumpens.

7. Nipproponu li jiġu organizzati konferenzi u sessjonijiet annwali ta' taħriġ għal ġenituri u edukaturi biex jiġu aġġornati dwar ir-riskji u l-ħsarat tal-"Deepfake".
   a. F'dawn is-sessjonijiet għandhom jiġu ppreżentati studji ta' każi u metodi ta' kif wieħed jista' jagħraf "Deepfake".
   b. Għandhom jiġu involuti wkoll professjonisti tas-saħħa mentali biex jindirizzaw l-impatt fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

8. Nipproponu li jiġu stabbiliti regolamenti etiċi u sistemi ta' rapportar siguri dwar l-użu tal-"Deepfake".
   a. L-istudenti għandhom ikunu mħeġġa jirrappurtaw atti kriminali jew ta' abbuż relatati mal-"Deepfake" b'garanzija ta' anonimità.

   b. Għandu jitwaqqaf servizz online sigriet (hotline diġitali) biex iċ-ċittadini jirrappurtaw b'mod sikur.

9. Nipproponu li sa Ġunju 2026 jinħoloq Ċentru Nazzjonali ta' Saħħa Mentali Diġitali immirat speċifikament għat-Tfal u l-Adolexxenti.
   a. Dan iċ-Ċentru jkun magħmul minn tim multidixxiplinari (psikologi, pedjatri, esperti tat-teknoloġija u professjonisti tal-edukazzjoni) li jsegwu u jintervjenu fi problemi marbuta mal-IA, il-media soċjali u anke screen addiction fost it-tfal.
   b. Il-Ċentru jkollu "helpline diġitali" fejn t-tfal u ż-żgħażagħ iħossuhom komdi jirrappurtaw esperjenzi ta' cyberbullying, deepfakes jew xi pressjoni minn algoritmi manipolattivi.
   c. Barra mill-appoġġ kliniku, jiġu offruti programmi ta' taħriġ għall-għalliema u l-ġenituri fuq kif jiddentifikaw sintomi relatati mal-użu problematiku tat-teknoloġija, inklus l-kors tal-'Mental Health First Aid'

10. Nipproponu li jiġu introdotti sezzjonijiet regolari fejn l-istudenti jiġu sfidati jsolvu problemi reali mingħajr l-użu ta' AI jew smartphones (eż.simulazzjonijiet ta' kriżijiet, jew proġetti kreattivi etċ). L-għan ikun li ż-żgħażagħ iżommu ħajjin il-ħiliet ta' analisi, memorja, ħsieb laterali u kif ukoll ħsieb kritiku (jinkludu metodi bħas-'Six Thinking Hats' ta' Edward de Bono) li ħafna drabi qed jintilfu minħabba soluzzjonijiet immedjati li toffri t-teknoloġija.

# Proposti Membru Indipendenti Matthias Saliba

*Kif emendati minn Partit KSM, Jeremy Azzopardi u Nathan Arpa.*

---

1. It-tagħlim fuq l-Intelliġenza Artifiċjali (AI) għandu jiġi integrat fil-kurrikulu ta' suġġetti eżistenti bħall-ICT, l-Etika, u x-Xjenza, fost oħrajn. Dan it-tagħlim għandu jkun parti obbligatorju mill-edukazzjoni formali, sabiex jiġu garantiti d-drittijiet ta' informazzjoni għall-istudenti rigward l-użu tal-IA fl-edukazzjoni. Dan għandu jsir billi:

    a. L-istudenti jridu jiġu nformati jekk jistgħux jużaw l-AI fir-riċerka tagħhom. Dan għandu jkun possibbli permezz tal-fakultajiet tal-iskejjel kollha, fosthom dawk post-sekondarji u dawk li jipprovdu edukazzjoni terzjarja. Id-dipartimenti u l-fakultajiet għandhom jiddeċiedi u jħabbru, b'mod kollettiv jew permezz ta' letturi individwali, jekk l-AI tistax tintuża jew le. Jekk ma jintlaħaqx ftehim, dawn għandhom jistaqsu l-uffiċjal edukattiv tas-suġġett, nies aktar professjonali fl-AI, jew wara kollox lill-ġenituri.

    b. L-istudenti għandhom ikollhom id-dritt li jitgħallmu kif jużaw l-AI b'mod effettiv u kif jibqgħu siguri fi spazji diġitali. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jaqbel mal-għalliema biex jingħataw lezzjonijiet apposta mill-inqas darba fil-ġimgħa, adattati għall-etajiet u livelli differenti. Il-Ministeru għandu jġib persuni speċjalizzati biex jagħmlu dawn it-taħditiet.

        i. Jekk dan ma jkunx jista' jsir minħabba problemi finanzjarji jew kwalunkwe raġuni, għandu jitwaqqaf proġett pilota qabel dawn it-taħditiet jilħqu l-iskejjel kollha u fakultajiet oħrajn.

    c. L-istudenti għandhom jingħataw fuljetti informattivi mid-Dipartiment tal-ICT (magħmulin mill-kapijiet tad-dipartiment u mill-uffiċjal edukattiv) li jispjegaw kemm l-AI jista' jagħmel żbalji kif ukoll il-limitazzjonijiet tiegħu. Il-ħlas ta' dawn il-fuljetti għandu jiġi miftiehem mill-MITA, l-MDIA u kif ukoll mill-ministeru tal-edukazzjoni, l-isport, iż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Dan huwa meħtieġ sabiex l-istudenti jitgħallmu jiċċekkjaw informazzjoni importanti minn sorsi oħra u jużaw ħiliet ta' ħsieb kritiku meta jagħmlu użu mill-IA. Barra minn hekk, għandha tinħoloq pjattaforma interattiva online b'quiz, simulazzjonijiet u każi prattiċi li tgħallem dwar l-iżbalji li jista' jagħmel l-AI.

d. L-Intelliġenza Ġenerali Artifiċjali (IĠA) għandha tiġi rregolata, fosthom billi jiġi introdott u mgħallem il-ħsieb kritiku f'aktar skejjel. Dan għandu jsir bl-introduzzjoni ta' metodi bħal *Six Thinking Hats* ta' Edward de Bono biex jgħinu lill-istudenti janalizzaw u jiżviluppaw l-ideat tagħhom. Hawnhekk l-istudenti jitgħallmu dwar l-għodod tal-ħsieb maħluqa mill-Professur Edward de Bono. Dan jgħin lill-istudenti jsiru aktar indipendenti u ma jiddependux iżżejjed fuq l-AI. Dan isir billi jsiru korsijiet ta' taħriġ għall-għalliema, possibilment mid-*De Bono Institute* flimkien mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jdaħħlu l-metodi fil-klassijiet tagħhom. Dan il-metodu għandu jsir parti minn programm nazzjonali ta' ħsieb kritiku u problem-solving li jinkludi diversi metodi.

2. L-għalliema u l-letturi għandhom ikollhom id-dritt jifhmu kif l-istudenti tagħhom qed jużaw l-IA. Dan għandu jsir permezz ta' vidjows ta' taħriġ preparati minn esperti professjonali, li jispjegaw is-suġġett b'mod dettaljat, li l-għalliema u l-letturi jistgħu jaraw b'ħin flessibbli. Wara kull vidjo, l-parteċipanti għandhom jingħataw quiz jew eżerċizzju evalwattiv biex jiġi żgurat li l-informazzjoni u l-kunċetti ġew mifhuma sew. Dan il-programm għandu jiġi organizzat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni flimkien mal-MITA u l-MDIA.

3. Kull data personali miġbura biex tgħin fl-istudju tal-istudenti (kemm permezz tal-AI kif ukoll tal-IĠA) għandha tinżamm privata. Għandu jkun hemm liġi li tipprojbixxi l-AI milli taħżen jew terġa' tuża test jew proġetti kreattivi ta' student mingħajr approvazzjoni. Għandu wkoll ikun hemm trasparenza sabiex iċ-ċittadini u l-istudenti jkunu jafu kif id-data tagħhom tiġi pproċessata. Jekk l-istudent juża l-IA, jekk irid għandu jkollu d-dritt li jagħżel li jkun hemm anonimizzazzjoni awtomatika bħala parti mil-proċess fejn jitneħħa l-isem u d-dettalji personali qabel ma tiġi proċessata d-data.

# Proposti Membru Indipendenti Jeremy Azzopardi

*Kif emendati minn Matthias Saliba u Nathan Arpa.*

---

1.1 Li l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jimplimenta dak li jiddiskrivi d-dokument tas-'Strateġija għall-Edukazzjoni Diġitali' u li jmexxi l-pajjiż f'direzzjoni progressiva u ambizzjuża dwar l-użu etiku tal-intelliġenza artifiċjali f'Malta.

1.1.1 Li s-sistema tal-edukazzjoni pubblika tgħaqqad b'mod dirett riformi lejn tagħlim aktar personalizzat mal-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Meta toħroġ l-Intelliġenza Ġenerali Artifiċjali (IĠA), din għanda tintuża għal skopijiet simili iżda għandhom jiġu introdotti għodod tal-ħsieb kritiku fosthom dawk ta' Edward de Bono fl-iskejjel biex l-istudenti ma jiddependux iżżejjed fuq l-IĠA.

1.1.2 Li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni ma jiġix meqjus bħala theddida, imma bħala opportunità ta' tagħlim intelliġenti.

1.1.3 Li l-Ministeru jippromwovi l-użu tal-intelliġenza artifiċjali għal ekonomija aktar kompetittiva u biex isaħħaħ il-lingwa Maltija fil-ħajja pubblika.

2.1 Li l-gvern jirriforma l-Awtorità għall-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta biex jaħtar awtorità indipendenti li tirregola u tippromwovi l-użu etiku tal-intelliġenza artifiċjali fil-ħajja, inkluż f'kull livell tal-edukazzjoni f'Malta.

2.1.1 Din l-awtorità indipendenti tkun komposta minn esperti nazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u l-innovazzjoni diġitali, żgħażagħ ta' kull età fl-iskejjel Maltin, membri ta' kunsilli tal-istudenti, rappreżentanti tas-settur diġitali, u rappreżentanti ambjentalisti.

2.1.2 L-awtorità indipendenti jkollha mandat biex tiżviluppa regoli dwar l-użu etiku tal-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni skont l-prinċipji meħtieġa mill-'*Guidance for generative AI in education and research*' ta' UNESCO, biex issaħħaħ informazzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva mal-pubbliku, u biex tmexxi kampanja dwar żidiet fl-effiċjenza fis-settur privat.

2.1.2.1 L-awtorità indipendenti ukoll jkollha mandat speċifiku biex toħroġ fondi għar-riċerka dwar l-effetti tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva fuq l-użu tal-Malti u kif l-intelliġenza artifiċjali tista ssaħħaħ l-preservazzjoni tal-lingwa Maltija.

2.1.3 Din l-awtorità indipendenti tkun meħtieġa li tikkollabora ma' istituzzjonijiet edukattivi liċenzjati u d-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà biex jiżviluppaw korsijiet qosra, eliġibbli ukoll taħt il-'*Get Qualified Scheme*', dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva u litteriżmu diġitali, immirati lejn żgħażagħ, impjegati taċ-ċivil, u s-settur privat.

3.1 Li s-sistema tal-edukazzjoni pubblika tiġi riformata għat-tagħlim ħolistiku dwar l-intelliġenza artifiċjali u litteriżmu diġitali biex nassiguraw li kull student f'Malta jkollu l-ħiliet meħtieġa għal futur ta' suċċess.

3.1.1 Li l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jintroduċi taħdidiet fil-laqgħat nazzjonali bejn l-għalliema biex jedukaw l-għalliema dwar kif qed jużaw l-IA l-istudenti, dwar kif l-intelliġenza artifiċjali jista' jtejjeb t-tagħlim innovativ fil-klassi jew joħloq opportunitajiet ġodda biex l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jsir integrat mat-tagħlim tal-Malti.

3.1.2 Integrat bħala parti ġdida tal-kurrikulu fl-aħħar sena tal-iskola primarja, kull student għat-tul tal-sena skolastika jesplora proġett dwar għażla minn temi kurrenti magħżulin kull sena mill-Ministeru, inkluż l-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Tul is-snin ta' qabel għandhom jingħataw numru ta' sezzjonijiet dwar is-suġġett sabiex l-istudent ikollu idea żgħira. Fis-sekondarja għandu jitkompla dan it-taħriġ permezz ta' madwar tliet sezzjonijiet fis-sena dwar din-it-teknoloġija.

3.1.2.1 Dan il-proġett irid isegwi l-prinċipji ta' tagħlim ibbażat fuq proġett ('project-based learning'), jenfasizza tagħlim independent u ikun eżaminat b'mod formali.

3.1.2.2 Fl-aħħar tas-sena skolastika, l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jorganizza ukoll fiera għall-istudenti fejn dawn il-proġetti kollha jiġu ppreżentati quddiem il-komunità u esperti nazzjonali.

3.1.3 Li l-Ministeru jikkollabora mal-awtorità riformata biex jiżviluppaw programmi ta' tagħlim dwar l-litteriżmu diġitali u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali f'kull livell tal-edukazzjoni.

3.1.3.1 L-awtorità riformata trid tiżviluppa sillabi dedikati għall-istudju tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġu introdotti bħala suġġetti fil-MATSEC '*A-levels*' u '*O-levels*'.

3.1.3.2 Li kors interdixxiplinari dwar il-litteriżmu diġitali, propost mill-awtorità indipendenti riformata, jiġi mandatorju bħala suġġett fil-livell intermedju tal-MATSEC.

3.1.3.3 Li kors qasir dwar l-użu etiku u sigur tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva fil-qasam tar-riċerka akkademika u l-ħajja ġenerali, propost mill-awtorità indipendenti riformata, jiġi mandatorju fl-introduzzjoni ta' kull programm ta' tagħlim terzjarju.

4.1 Li l-Parlament Malti jistabbilixxi kumitat permanenti dwar l-intelliġenza artifiċjali li jkun responsabbli għas-superviżjoni tal-awtorità indipendenti riformata, biex jirrappreżenta 'l Malta f'bosta fora internazzjonali, u jżid opportunitajiet għal kooperazzjoni.

# Proposti Membru Indipendenti Nathan Arpa

*Kif emendati minn Partit Moderat, Matthias Saliba u Jeremy Azzopardi.*

1. Jiġi mwaqqaf Kumitat Nazzjonali tal-Etika u l-Governanza tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Edukazzjoni, taħt l-awtorità tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dan il-kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Università ta' Malta, tal-MCAST, tal-Bord MATSEC, tal-għaqdiet tal-edukaturi, tal-istudenti u tal-ġenituri, kif ukoll esperti fil-liġi u fl-etika diġitali. Il-kumitat għandu joħroġ rapport annwali pubbliku dwar l-implimentazzjoni tal-AI u jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jiġi żgurat użu trasparenti, etiku u konformi mal-liġi Ewropea (EU AI Act).

2. Jiġu introdotti sezzjonijiet ta' prompt engineering bħala parti mill-kurrikulu edukattiv, skont il-livell tal-istudenti. Dan sabiex il-kontenut ikun adattat għall-età u l-maturità tagħhom, inkluż f'livelli aktar bikrin bħall-primarja. Dan huwa essenzjali sabiex l-istudenti jitgħallmu kmieni kif jikkomunikaw b'mod effettiv mal-AI u jużawha b'responsabbiltà. Għandu jiġi ntroddot ukoll modulu obbligatorju dwar AI Literacy, li għandu jinkludi taħriġ dwar kif jikkomunikaw b'mod effettiv mal-AI, iżda wkoll dwar l-użu etiku, il-limitazzjonijiet u l-preġudizzji tal-AI, u kif jiġu identifikati outputs falzi. Fil-livell terzjarju, dan it-tagħlim għandu jkun adattat għall-qasam ta' studju tal-istudent (eż. AI fil-mediċina, inġinerija jew arti).

3. L-istituzzjonijiet edukattivi kollha, inklużi dawk primarji, sekondarji u terzjarji, għandhom jinfurmaw b'mod ċar u trasparenti lill-istudenti u fejn applikabbli lill-ġenituri dwar l-użu tal-AI fil-proċess tat-tagħlim u fl-evalwazzjoni. Barra minn hekk, għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi ppubblikata fuq il-websajts uffiċjali tal-istituzzjonijiet, u fejn tintuża AI fl-evalwazzjoni, din qatt ma tkun l-uniku mezz għall-marki finali iżda dejjem tintuża flimkien ma' valutazzjoni umana. Fejn qed jinġabru dejta personali, għandu jinkiseb kunsens infurmat u jiġu rispettati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.

4. Aċċess għal pjattaformi tal-AI għandu jingħata lil kull student/a u għalliema fl-edukazzjoni post-sekondarja sabiex ma jkunx hemm vantaġġ kompetittiv inġust bejn l-istudenti u sabiex l-għalliema jistgħu jimplimentaw l-użu responsabbli tal-AI. Dan jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' sħubijiet mal-kumpaniji li jiprovdu il-pjattaformi tal-AI biex jinkisbu verżjonijiet edukattivi bi skont u għandu jkun akkumpanjat minn linji gwida dwar l-użu etiku tal-AI. Għal kull proġett, l-għalliema għandhom jiddeċiedu għandhomx jippermettu l-użu tal-AI jew le. Meta tittieħed deċiżjoni, għandhom joħorġu lista ta' istruzzjonijiet dwar dak il-proġett fosthom jekk jistax jintuża l-AI fih jew le.